MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2003

Numru. 457/2003

PULIZIJA
SPETTUR MARIO TONNA
VS
SANDRO CORTIS

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Sandro Cortis ta' 29 sena imwieled Haz-Zebbug (Malta) nhar it-30 t'Ottubru 1973 bin Carmelo u Guza nee Curmi residenti gewwa nru 60, Triq Santa Marija, Zebbug Malta u detentur tal-karta tal-identita numru 512973M talli minn gewwa l-fond maghruf bhala Fuego nightclub li jinsab gewwa Triq Santu Wistin San Giljan nhar il-25 ta' Mejju 2003 ghal habta ta' 2.30am ikkommetta serq ta' telefon cellulari u accessorji ohra a detriment ta' Janette Scicluna minn Santa Lucija liema serq huwa aggravat bil-hin u dati ai termini tal-artikolu 261 u 270 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-5 ta' Novembru 2003 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 261 u 270 tal-kap 9 u Art 22 tal-kap 446 tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------